TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 88

KAZ NRU. 107

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Raymond Camilleri
u
Villa Rosa Tourist Complex,
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 2 t'April, 1981.

Chairman : C.J. Mallia.

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal fis-27 t' Ottubru, 1980, mill-Ministru tax-Xoghol, Kultura, u Ghajnuna Socjali, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-att Nru. XXX ta' l-1976. Is-Sur Raymond Camilleri kien kiteb lill-Ministru li huwa kien gie mkecci ngustament mill-impieg ta' Night Porter mall-Villa Rosa Tourist Complex.

2. Il-partijiet. Is-Sur Raymond Camilleri kien assistit mis-Sur John Camilleri, filwaqt li ghall-Villa Rosa Tourist Complex dehru s-Sur Alfred Galea, Managing Director, u s-Sur Tarcisio Vella, Chief Accountant. Is-Sur Galea huwa debitament awtorizzat li jirrappreżenta s-St. George's Bay Hotel Co. Ltd. skond l-articles of association.

3. Seduti u xhieda. Il-kaz instemgha f'hames seduti, u gew mismugha dawn ix-xhieda bil-gurament:

/2. .....

Imsejhin mill-applikant, is-Sur Ray Camilleri

Is-Sur John Farrugia, Courier li x-xoghol tieghu kien jinkludi l-Villa Rosa.

Is-Sur Vincent Ellul, General Manager tal-Villa Rosa.

L-On. Dr. Jos. Fenech, LL.D., M.P.

Is-Sur Raymond Camilleri, l-applikant stess.

Imsejhin mill-Villa Rosa

Is-Sur Anthony Gambin, Supplier ta' ikel lill-Villa Rosa.
Is-Sur Sebastian Tufigno, Night Manager fil-Villa Rosa.
Is-Sur Noel Agius, Manager fil-Villa Rosa.

4. Statements of Case. Il-partijiet ressqu tezijiet opposti quddiem it-Tribunal. L-applikant jghid li gie mkecci, fil-waqt li l-employer jghid li Mr Camilleri telaq minn rajh.

5. Il-Labour Office. Qabel xejn, huwa ta' min jirrimarka illi-lil dan it-Tribunal qed jirrizultalu spiss li, mhux biss li mill-Labour Office ma jkunx gie mgharbel sew il-kaz biex jinghata parir ufficjali lil dik il-parti li tidher li tkun fit-tort, imma jfittxu jhajjru lill-imkecci biex jitlob biex jidher quddiem it-Tribunal Industrijali. Dan l-agir, ghad li certament ifarfar ix-xoghol minn fuq l-ufficjali tal-Labour Office, izid il-kazi ghal quddiem it-Tribunal, li ma kienx intiz biex ihaffef ix-xoghol ta' hadd. B'hekk tinholoq queue ta' kazi u dewmien ta' xhur, b'detriment ghall-interessi tal-haddiem li t-Tribunal inholoq biex jipprotegi (ara l-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali). Fil-kaz prezenti, wiehed jaqra hekk fl-istatement of case tas-Sur Ray Camilleri : "Meta mort il-Labour Office u ghidtlu bil-kaz, jien ghidt lill-ufficcjal hemmhekk li jien ma naccettax li tlaqt minn jeddi. Dan wegibni biex inhallih jaghmel ic-certifikat kif irid hu, imbaghad wara nfittxu quddiem it-Tribunal." Dana mhux agir la serju u anqas efficjenti, ghaliex ufficcjal "worth his salt" setgha facilment jasal

ghall-istess konkluzjoni li fiha ser jasal it-Tribunal, u jirranga l-affarijiet b'izjed heffa u hafna anqas telf ta' zmien.

6. <u>Tahwid ta' issues</u>. Johrog car, mill-istatements of case u mix-xhieda, li l-Villa Rosa kienet qed issofri minn serq ta' linen. Ara r-rapport tas-Sur Anthony Gambin, li qal li kien ra lill-applikant niezel minn light car b'borza kbira mimlija f'idu, waqa' suspett fuq is-Sur Ray Camilleri. Meta dan ma ammettiex u ma kkoperax, bdew ifittxulu difetti ohra, bhall-irqad fuq ix-xoghol (haga hazina li mhux hu biss kellu minnha), choker u misluta (li hemm mezzi ohra kif tirregolahom, u donnu mhux Mr Ray Camilleri biss jilbes affarijiet tal-moda); li jonqos li jaghmel il-morning calls lill-guests; u nuqqasijiet ohra. Ta' min jghid mill-ewwel li dan it-Tribunal ma jistax jghin lil Villa Rosa Hotel Complex fil-problema serju taghha dwar il-linen, ghaliex investigazzjoni kriminali mhix kompitu tat-Tribunal Industrijali.

7. <u>It-tezijiet opposti</u>. Dwar id-"difetti ohra" msemmijin hawn fuq hemm izjed xi tghid. Izda d-differenza principali bejn il-partijiet hija jekk Mr Ray Camilleri telaqx minn rajh jew le, fi kliem iehor, kienx hemm tkeccija jew le. Naraw dawn il-punti saljenti mix-xhieda:

(1) Is-Sur Vincent Ellul, General Manager tal-Villa Rosa, xehed li s-Sur Raymond Camilleri qallu : "Fil-kaz nitlaq. Mela aghtini l-ktieb tax-xoghol." (Ara pagina 9 tax-xhieda tat-3 ta' Marzu, 1981).

(2) Is-Sur Raymond Camilleri, l-applikant f'dan il-kaz, xehed li hu qatt ma qal : "Fil-kaz nitlaq. Tini l-ktieb tax-xoghol." (Ara xhieda tat-3 ta' Marzu, 1981, pagina 34.) Imma xehed ukoll (pagina 30 ta' l-istess xhieda) li hu qal lis-Sur Vincent

Ellul : "Jagaw trid tagntini l-ktieb tax-xoghol?"

(3) Is-Sur John Farrugia kien Courier li fix-xoghol tieghu kien jinkludi l-Villa Rosa Hotel Complex. Mill-istess natura tax-xoghol, dan kien aktar indipendenti minn impjegat tal-Villa Rosa. Kif jidher fil-pagina 3 tax-xhieda tat-3 ta' Marzu, 1981, is-Sur Farrugia xehed kliem li t-Tribunal ihoss huwa l-eqreb lejn il-verita' ta' x'setgha gara. Huwa, li kien prezenti waqt l-incident ta' bil-lejl f'Settembru, 1980, qal : "Nahseb li s-Sur Ellul fehmu hazin."

8. <u>Konkluzjoni</u>. Fil-fatt, anqas kieku kellhu jigi ppruvat bla ebda dubbju li s-Sur Ray Camilleri qal : "Mela nitlaq. Tini l-ktieb," dan kien ikun kliem fis-sahna tal-mument. F'kaz bhal dan (bhal ma kien osserva dan it-Tribunal fid-Decizjoni tieghu Nru. 23 tas-17 ta' Awissu, 1978) billi l-impieg huwa sagru u t-tkeccija hija haga estrema u gravi, bniedem ma tistax tahtfu fil-kelma u tghidlu : "Inti tlaqt". Anqas kieku jigi ppruvat li hu qal : "Mela tlaqt" u wara rega' bdielu ("change of mind"). Impieg huwa haga serja wisq biex wiehed jipprofitta ruhu. Il-Villa Rosa hija kaz specjali ta' mpieg immexxi mill-istess impjegati. Fuq id-dikjarazzjoni taghhom stess, ebda wiehed minn dawn l-impjegati ma ghandu <u>wahdu</u> d-dritt li jkecci, u allura ma ghandux anqas id-dritt li jghid : "Dak telaq hu minn rajh," kontra r-rieda ta' dak li jkun. Ghal dawk li huma nuqqasijiet li ma hemmx dubbju li Mr. Camilleri u ohrajn kollhom, il-Villa Rosa ghandha l-arrangamenti taghha ghal dik li hi dixxiplina u dawn setghet irregolathom hekk, anke jekk fl-ahhar, f'xi kaz jew kazi, iwasslu ghat-tkeccija. Mela, in effett, is-

/5. .....

Sur Raymond Camilleri gie mkecci mill-impieg li kellu ta' Night Porter fil-Villa Rosa.

9. Twissijiet. Ma hemmx ghalfejn nergghu nghidu x'qal ripetutament dan it-Tribunal dwar twissijiet qabel tkeccija (warnings). Huwa veru li s-Sur Vincent Ellul xehed (ara l-pagni 19 u 20 tax-xhieda tat-3 ta' Marzu, 1981) li lil Mr. Camilleri tawh aktar minn ghaxar warnings quddiem il-kap tieghu personali u gie li anke telluh quddiem il-bord tad-dixxiplina. Izda dan ma giex ppruvat jew ikkorroborat, u kliem bhal : "Tibdilix; fuq din ser nohroglok warning" (pag. 19, xhieda tat-3.3.81) ma humiex twissija formali u ghalhekk ma jghoddux ghal tkeccija. Giet esibita wkoll kopja ta' "First-written warning". Din hija wahda (u ghalhekk mhux bizzejjed), minghajr data (u ghalhekk ma tfisser xejn), u ma tghidx li hi twissija ghal tkeccija. Hala hawn kellna tkeccija minghajr twissijiet xierqa. Infatti hi kellha n-natura ta' instant dismissal li dan it-Tribunal bil-mod kollu biex jammetti li qatt tista' tkun gustifikata.

10. Talbiet. It-talbiet ta' l-applikant is-Sur Raymond Camilleri (li ma kienx nieqes minn nuqqassijiet fl-impieg u fl-imgieba tieghu) huma :

(a) li t-tkeccija tieghu tigi ddikjarata ngusta;

(b) li jerga' jigi reinstated fejn kien bl-istess seniority; u

(c) li jithallas kumpens ghall-paga u bonus li tilef.

11. AWARD. It-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol billi jilqa' t-tlett talbiet kollha ta' l-applikant Mr. Raymond Camilleri, specifikatament kif gej hawn taht :

(1) It-tkeccija tas-Sur Raymond Camilleri mill-Villa Rosa ma kienetx gusta.

(2) Ghalhekk is-Sur Raymond Camilleri ghandu, minn nhar it-Tnejn, 6 ta' April, 1981, jigi reinstated bhala Night Porter fil-Villa Rosa Hotel Complex bl-istess seniority li kellu fis-7 ta' Settembru, 1980.

(3) St. George's Bay Hotel Co. Ltd. ghandha, mhux aktar tard mis-17 t'April, 1981, thallas lis-Sur Raymond Camilleri, bhala kumpens ghat-tkeccija s-somma ta' £M53.76c (gimgha paga ghal kull sena shiha li kien ilu mpjegat, u dan skond normi accettati mit-Trades Union Congress ingliz taht l-Employment Protection Act, 1975), plus is-somma kollha li kienet dovuta lil Mr. Camilleri bhala bonus ghas-sitt xhur minn Settembru, 1980, sa Marzu, 1981.

C.J. Mallia
Chairman.

A. Bartolo Parnis
Segretarju.

2 t'April, 1981.

em